**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 8 ta' Jannar, 2019

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**-vs-**

**Marlon Camilleri, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 312985M**

*Kumpilazzjoni Nru. 433/2013*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Marlon Camilleri u cioe`, talli:

Fit-03 ta' Frar, 2013, għall-ħabta tat-08:20hrs ġewwa Vjal il-Helsien, Żebbuġ:

1. Saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FAD-662, u b'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma' mutur numru DBM-658 u involontarjament ikkaġuna ħsara għad-dannu ta' Mario Attard.

2. B'nuqqas ta' ħsieb, u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta'

Mario Attard skont kif iċċertifikat Dr. Agnes Attard M.D. Reg. 2863 mill-M.D.H.

3. Saq vettura FAD-662 b'manjiera (a) perikoluża.

4. U naqas li jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa meta kien ħiereġ għal fuq triq prinċipali.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti li l-imputat jiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal-perjodu ta' żmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

1. Fl-Artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 15(1)(a) u 15 (2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fir-Regolament 76 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur – L.S. 65.11;
5. Fl-Artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat m'kellu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2013, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif issa preseduta, giet mizmuma fl-20 ta' Frar, 2018.

Illi ghalkemm ma tqajjmet l-ebda eccezzjoni dwar dan, din il-Qorti qed tiskarta dak kollu li ddikjara l-imputat mas-surgent Vella *a tempo vergine* xhin wasal fuq il-post. Ma jirrizultax li qabel ma gie mistoqsi dwar l-

akkadut l-imputat nghata l-*caution* jew gie mgharraf bid-drittijiet tieghu li jikkonsulta ma avukat. Dan meta wiehed iqis il-mod kif sehh is-sinistru in dezamina fejn il-posizzjoni tal-vetturi tat indikazzjoni *prima facie* ta' fejn seta' jaqa' t-tort kif ukoll fejn kellek persuna li garrbet offizi gravi u ghaldaqstant tikber il-potenzjalita` li jittiehdu proceduri kriminali kontra persuna jew ohra. F'incident bejn zewg persuni, it-tnejn li huma jew certament wiehed minnhom, huma suspettati u mhux xhieda; ghalhekk kellhom jiskattaw dawk id-disposizzjonijiet legali li jiggarantixxu lill-akkuzat d-dritt tieghu ghall-smiegh xieraq. **Fic-cirkostanzi ma hemm xejn li jiddistingwi stqarrija rrilaxxata gewwa Ghassa jew f'xi ufficju ta' spettur minn dikjarazzjonijiet li jsiru gewwa t-triq**.

*Multo magis* meta llum il-posizzjoni giet kristallizata b'diversi sentenzi tal-Qrati taghna, b'dik l-iktar ricenti tkun dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[1]. Ghaldaqstant dak kollu li l-imputat qal lil PS Vella meta mitlub ghall-verzjoni tieghu (kuntrarjament ghal dak li seta' tenna spontanjament), minghajr id-dritt li jkun assistit mill-legali tieghu, ma ghandux aktar valur probatorju.

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs David Shaun Galea** iddecidiet:[2]

9. Issa, fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta' Ġunju 2014 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Omar Psaila**, fejn ukoll kellu jiġi deċiż jekk kellux jiġi injorat dak li l-appellat f'dak il-każ kien qal lill-uffiċjali tal-Pulizija qabel ma saret stqarrija bil-miktub, intqal hekk:

"M'hemmx dubju li l-appellat ingħata twissija mill-Pulizija qabel ma beda jitkellem. Dan il-punt joħroġ mix-xhieda mogħtija mit-tliet uffiċjali.

"L-artikolu 658 tal-Kap 9 huwa importanti ferm għax jista' jintuża f'każ li persuna ma tkun wieġbet għall-ebda mistoqsija fl-istqarrija bil-miktub iżda tkun tkellmet dwar lgħemil li wettqet. Dak li jgħid imputat lil xi persuna oħra jista' jittieħed bħala prova u ma jitqiesx bħala hearsay.

"Jekk wieħed iqis il-kriterji li ssemmew kemm fis-sentenza 'Charles Steven Muscat kontra l-Avukat Ġenerali' kif ukoll fis-sentenza 'Taliana Anthony kontra l-Kummissarju tal-Pulizija', wieħed jikkonkludi li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet ikkonsidrat dak li lappellat qal lill-Pulizija. L-appellat kellu 27 sena meta huwa tkellem mal-Pulizija u għalhekk ma kienx minorenni. Barra minn dan, din ma kenitx l-ewwel darba li sab

[1] Per S.T.O. Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor. Imhallef Noel Cuschieri u Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo; Rikors numru: 104/2016/1 JZM; Deciza 14.12.2018

[2] Per Onor.Imhallef David Scicluna; Seduta tat-3 ta' Novembru, 2014; Appell Kriminali Numru. 159/2012

ruħu fil-kwartieri tal-Pulizija kif jirriżulta ċar mill-fedina penali tiegħu. Barra dan hu kien ingħata t-twissija qabel ma tkellem. Ma jirriżulta minn imkien li l-appellat kien b'xi mod kostrett jitkellem. Tant li meta saret l-istqarrija bil-miktub huwa ma ta ebda tagħrif li kellu x'jaqsam mal-imputazzjonijiet ta' dan il-każ saħansitra meta saret domanda diretta dwar dak li kien qal lill-Pulizija qabel ma bdiet l-istqarrija." (sottolinear ta' din il-Qorti) 10. Fil-każ odjern, il-Pulizija bagħtet għall-appellant wara li Mario Galea kien qalilhom li kien ibnu l-appellant li kien qiegħed isuq il-karozza in kwistjoni.

Jiġifieri l-appellant kien "persuna suspettata". Huwa minnu illi ma ġiex infurmat li kellu d-dritt ta' assistenza ta' avukat iżda meta mar għand il-Pulizija huwa mar volontarjament u ma kienx taħt arrest. Irid jingħad, pero`, illi bħala persuna suspettata, meta interrogat mill-Pulizija, l-appellant lanqas ma ngħata twissija (ara Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Jannar 2014). Konsegwentement dak li qal l-appellant lill-Pulizija, mingħajr ma ngħata tali twissija, ma jistax jittieħed bħala prova.

Fis-sentenza taghha **Ir-Republika ta' Malta v. Alfred Camilleri**[3] il-Qorti Kostituzzjonali filwaqt li ccitat mid-decizjoni tal-ewwel Qorti tenniet:

"4. Dawn it-tip ta' ilmenti huma bazati fuq is-sentenza li nghatat mill-Qorti ta' Strasbourg fil-kaz **Salduz v Turkija** tas-27 ta' Novembru 2008. F'dik id-decizjoni l-qorti ghamlitha cara li:

"..... in order for the right to a fair trial to remain sufficiently 'practical and effective' (see paragraph 51 above) Article 6§1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 (see mutatis mutandis, Magee, cited above §44). The rights of the defence will in principle be irretrievably (be) prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction.". L-enfazi hi cara, l-access ghall-avukat hi centrali biex jigi assigurat rrispett ghad-dritt li s-suspettat ma jinkriminax lilu nnifsu.

Dritt li kien gie rikonoxxut mill-Grand Chamber fil-kaz **Saunders vs United Kingdom (1996):**

"The Court recalls that, although not specifically mentioned in article 6 of the Convention, the right to silence and the right not to incriminate oneself, are generally recognised international standards which lie at the heart of the notion of a fair procedure under article 6. Their rationale lies, inter alia, in the protection of the accused against improper compulsion by the authorities thereby contributing to the avoidance of miscarriages of justice and to the fulfilment of the aims of article 6... The right not to incriminate oneself, in particluar, presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused In this sense the right is closely linked to the presumption of innocence contained in article 6(2) of the Convention."

[3] Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014; Appell Civili Numru. 32/2011/1. Per Onor. Imhallef Agent President Giannino Caruana Demajo, Onor Imhallef Noel Cuschieri, Onor. Imhallef Joseph Zammit Mc Keon

"Minn qari tas-sentenza ta' Salduz hu altru milli evidenti li persuna li tkun taht il-kustodja tal-pulizija ghandu jkollha access ghall-avukat qabel twiegeb ghal domandi. Il-Qorti esprimiet il-fehma li ".... the absence of a lawyer while he was in police custody irretrievably affected his defence rights.". Mill-gurisprudenza ta' Strasbourg hu evidenti li m'huwiex bizzejjed ghas-sistema legali li tassigura li s-suspettat jaf li ghandu dritt ghas-silenzju u li dan jigi salvagwardjat kontra kull possibilta' li b'theddid jew weghdiet ta' kull xorta, jista' jigi ndott kontra l-volonta' tieghu li jitkellem u b'hekk jinkrimina lilu nnifsu. Hu imperattiv li qabel jigi interrogat jinghata l-opportunita li jikkonsulta ma' avukat biex jatih parir mhux biss dwar id-dritt tas-silenzju, imma wkoll jekk huwiex fl-interess tieghu li jezercita tali dritt, billi ma jghid xejn jew jaghmel dikjarazzjoni limitata. Sahansitra, l-Imhallef Bratza (illum President tal-Qorti) mar pass iktar 'il quddiem meta qal: "I consider that the Court should have used the opportunity to state in clear terms that the fairness of criminal proceedings under Article 6 requires that, as a rule, a suspect should be granted acccess to legal advice from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention.".

"Il-principju stabbilit fil-kaz ta' Salduz ma japplikax biss filkaz ta' interrogatorju li jsir fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Domandi jistghu jsiru barra fit-triq, f'karrozza, jew f'dar kif gara f'dan il-kaz. Dan qieghed jinghad mehud ukoll in konsiderazzjoni li:-

…..

"ii. F'dak l-istadju kien diga' evidenti li Alfred Camilleri kien qieghed jigi trattat bhala persuna suspettata li wettqet reat u mhux bhala semplici xhud.

…….

"L-Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:-

"Kull haga li imputat jew akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza, jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi.".

…..

Din il-Qorti tosserva li mill-provi, u senjatament mix-xhieda kemm tal-Ispettur Ciappara kif ukoll tal-pulizija li kienu qed jakkompanjawh id-dar ta' omm l-appellat, jirrizulta li lappellat Alfred Camilleri kien f'dak l-istadju persuna suspettata, u li l-mistoqsijiet li kienu sarulu mill-imsemmi spettur ma kinux biss limitati ghall-investigazzjoni biss dwar il-pakkett u fil-konfront biss ta' Mario Abdilla, kif sostnut mill-appellant, imma kienu jestendu wkoll ghallistess Alfred Camilleri, u certament l-allegazzjoni talappellant li "ma kien hemm ebda suspett konkret f'Alfred Camilleri" hija gratuwita; anzi hi kontradetta mill-fatti provati ……

L-ghan tad-dritt ghall-assistenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni huwa sabiex tiassikura l-legittimita` tal-istqarrija, partikolarment fejn il-persuna indagata tkun f'sitwazzjoni partikolari ta' vulnerabilita` jew biza'.

"27. Din il-Qorti gja osservat li l-jedd [ghall-avukat] jinghata ghall-iskop preciz illi jkun hemm garanzija illi kull starrija moghtija mill-persuna interrogata tkun inghatat b'ghazla hielsa, b'gharfien tal-jedd li jibqa' sieket u bla theddid, weghdiet, vjolenza jew b' xi mod iehor abuzivament. Il-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq isehh meta l-istqarrija tittiehed abuzivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittiehdet minghajr l-ghajnuna ta' avukat." [Q.Kos. Il-Pulizija vs Tyronne Fenech, deciza 22 ta' Frar 2013]

"21. Dan huwa l-kuntest proprju u leġittimu ta' dan il-jedd: ma jingħatax biex min hu ħati jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu minħabba xi formalita nieqsa minn konsegwenzi gravi u reali.
[sottolinejar tal-Qorti]

Ghalkemm f'dawn is-sentenzi issir riferenza ghal stqarrija meta persuna tkun fi stat ta' detenzjoni, illum hu principju assodat li "stqarrija" ghandha tinghata tifsira wiesgha li tinkludi dak kollu li jinghad verbalment f'cirkostanzi minghajr il-formalita` tal-interrogazzjoni u f'kazijiet fejn persuna ma tkunx mcahhda mill-liberta` taghha.

In vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 658 tal-Kodici Kriminali, huwa imperattiv li qabel persuna, li dwarha jkun hemm indikazzjoni li hi suspettata ta' ghemil kriminuz, **din tinghata d-debita twissija u tigi mgharrfa bid-drittijiet taghha** li tikkonsulta u tkun rapprezentata minn avukat fil-kors tal-mistoqsijiet li jkunu ser isiru – iva anke jekk f'nofs ta' triq fil-kwadru ta' incident stradali!

Illi fl-artikolu 3 tad-***Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali,*** tipprovdi li

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-suspettati jew il-persuni akkużati jingħataw fil-pront informazzjoni dwar tal- anqas id-drittijiet proċedurali li ġejjin, kif dawn japplikaw taħt il-liġi nazzjonali, sabiex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv ta' dawk id-drittijiet:
(a) id-dritt ta' aċċess għal avukat;.....

Dik id-direttiva fil-preambolu taghha tghid dan:

(19) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw fil-pront lis-suspettati jew lill-persuni akkużati b'dawk id-drittijiet, hekk kif japplikaw taħt il-liġi nazzjonali, li huma essenzjali biex tiġi salvagwardjata l-korrettezza tal-proċeduri, jew bil-fomm jew bil-miktub, kif previst b'din id-Direttiva. Sabiex ikun jista' jsir eżerċizzju prattiku u effikaċi minn dawk id-drittijiet, l-informazzjoni għandha tkun provduta fil-pront matul il-proċeduri u l-aktar tard qabel l-ewwel interrogazzjoni uffiċjali tal-persuna suspettata jew akkużata mill-pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra......

(28) L-informazzjoni provduta lis-suspettati jew lill-persuni akkużati dwar ir-reat kriminali li huma jkunu ssuspettati jew akkużati li kkommettew għandha tingħata fil-pront, u mhux aktar tard minn qabel l-ewwel intervista uffiċjali tagħhom mill-pulizija jew awtorità kompetenti.......

Illi d-***Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013*** tkompli ssahhah il-qafas regolatarju li jittratta drittijiet ta' persuni suspettati b'reat, liema Direttiva llum tinsab

tifforma parti mill-procedura penali taghna.[4] Fil-Preambolu taghha insibu li

(21) Fejn persuna li ma tkunx persuna suspettata jew akkużata, bħal xhud, issir persuna suspettata jew akkużata, dik il-persuna għandha tiġi protetta mill-awtoinkriminazzjoni u jkollha d-dritt li tibqa' siekta, kif ikkonfermat mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk din id-Direttiva tagħmel referenza espliċita għas-sitwazzjoni prattika fejn tali persuna ssir persuna suspettata jew akkużata, matul l-interrogazzjoni mill-pulizija jew awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja fil-kuntest tal-proċedimenti kriminali. Fejn, matul tali interrogazzjoni, persuna li ma tkunx persuna suspettata jew akkużata ssir persuna suspettata jew akkużata, l-interrogazzjoni għandha tiġi sospiża minnufih. Madankollu, għandu jkun possibbli li l-interrogazzjoni titkompla jekk il-persuna kkonċernata tkun ġiet infurmata li hija persuna suspettata jew akkużata u tkun tista' teżerċita b'mod sħiħ id-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva…….

(28) Il-persuni suspettati jew akkużati għandhom id-dritt li l- avukat tagħhom jattendi <u>atti investigattivi jew atti oħra ta' ġbir ta' provi</u>, sa fejn dawn ikunu previsti fil-liġi nazzjonali konċernata u sa fejn il-persuni suspettati jew akku- żati jkunu meħtieġa jew permessi li jattendu…… Tali atti għandhom jinkludu mill-inqas …..u rikostruzzjoni tax-xena tar-reat fil-preżenza tal-persuna suspettata jew akkużata,sabiex jiġu mifhuma aħjar il-mod u ċ-ċirkostanzi li fihom twettaq ir-reat u jkunu jistgħu jsiru mistoqsijiet speċifiċi lill-persuna suspettata jew akkużata.

L-artikolu 2 tad-Direttiva jkompli:

1. Din id-Direttiva tapplika għal persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali mill-mument meta dawn jiġu infurmati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, b'notifika uffiċjali jew b'mod ieħor, li huma suspettati jew akkużati li jkunu wettqu reat kriminali, u **irrispettivament minn jekk ikunux miċħuda mil-libertà**…..

3. Din id-Direttiva tapplika wkoll, bl-istess kondizzjonijiet kif previsti fil-paragrafu 1, għal persuni li mhumiex persuni suspettati jew akkużati li, matul l-interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi, isiru persuni suspettati jew akkużati.

F'kazijiet ta' incidenti stradali hi l-prassi li persuni involuti ma jigux interrogati formalment, izda kif sar fil-kaz in dezamina tittiehdilhom verzjoni taghhom mill-ufficjal li l-ewwel jasal fuq il-post, li ssarraf sabiex ikun maghruf kif sehh l-incident. Fil-fehma tal-Qorti tali procedura ghandha titqies bhala u tekwipara ma *"l-intervista ufficjali"*.

Fid-dawl tas-suespost kif ukoll ai termini ta' dak li jipprovdi l-Kodici Kriminali[5] il-Pulizija Ezekuttiva ghandha tassigura li f'kazijiet ta' incidenti stradali, **appena jinbet suspett li persuna involuta f'incident stradali tista' tispicca akkuzata b'dak is-sinistru – fatt skontat tenut**

---

[4] Sub-Titolu IX tat-Tieni Titolu I tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali
[5] Sub-Titolu IX tat-Tieni Titolu I tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb

**kont li wara incident stradali dejjem jitressqu persuni l-Qorti - din ghandha tigi mgharrfa immedjatement bid-drittijiet taghha qabel ma tigi mitluba taghti l-verzjoni taghha dwar is-sinistru, irrespettivament mid-diffikultajiet li dan jista' johloq minn kull aspett**.[6]

Illi jirrizulta li l-akkuza nqrat f'Novembru, 2013. Ai termini tal-artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali r-raba imputazzjoni ghandha perjodu prekrittiv ta' tlett xhur u ghaldaqstant ir-raba akkuza giet prekritta fit-3 ta' Mejju, 2013.

Illi jidher li fl-atti gew anessi erronjament verbal kif ukoll dokumentazzjoni li tidher li jappartjenu processi penali ohra u ghalhekk tali dokumentazzjoni ma ghandha ebda rilevanza ghal proceduri odjerni.[7]

Illi qabel ma tikkonsidra l-provi l-Qorti tkun qed tonqos serjament jekk ma tikkumentax dwar il-mod xejn professjonali li bih tmexxiet il-prosekuzzjoni f'dan il-kaz, kaz li jittratta *inter alia* r-reat ta' offiza gravi nvolontarja u sewqan perikoluz, li jaf il-bidu tieghu f'Novembru, 2013, meta nstemghu zewg xhieda fosthom il-parte leza. Zewg xhieda ohra nstemghu fit-8 ta' Lulju, 2014, u sakemm l-kaz gie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta, u cioe` fl-20 ta' Frar, 2018, minkejja r-rinviji tal-Avukat Generali, ma nstemgha l-ebda xhud iehor; perjodu ta' 43 xahar.

Aktar inkwetanti minn hekk hu l-fatt li ghalkemm l-Avukat Generali baghat n-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu <u>b'rizerva </u>li jinstemghu ghadd gmielu ta' xhieda fosthom it-tobba li ccertifikaw il-griehi sofferti mill-parte leza, il-prosekuzzjoni ghazlet li tiddikjara l-provi taghha maghluqa fl-ewwel seduta utli quddiem din il-Qorti nhar is-26 ta' Marzu, 2018.

Illi jigi sottolinejat li <u>fl-ebda mument</u> fil-kors ta' dawn il-proceduri ma gie attribwit xi forma ta' <u>tort lill-parte leza</u>.

Illi **Mario Attard**, il-parte leza, xehed li kawza tas-sinistru *"Ksirt idejja, kustilji minn zewg nahat. Missli ftit l-irkiekel u saqajja t-tnejn…."*[8]. Spjega kif

---

[6] Logistika, kongestjoni ta' traffiku sakemm jasal l-avukat fuq il-post meta hekk rikjest mis-suspettat, etc.

[7] Il-verbal a fol. 53-54 u x-xhieda ta' Stephen Cachia a fol. 71.

[8] Fol.17

sa disa xhur wara l-incident, u cioe` meta xehed f'Novembru, 2013, kien ghadu qed jaghmel it-terapija. Xehed li baqa' jbati b'idu fejn ma kellux *grip* ghal hin twil u meta kien idum bil-wieqfa kien ikollu bzonn ipoggi.[9]

Illi ghalkemm it-tobba ma nstemghux, jirrizulta mix-xhieda ta' Mario Attard, li l-Qorti tqis bhala wahda onesta, sinciera u kredibbli u li ghalhekk tista' tistrieh fuqha, li kawza tas-sinistru hu soffra ksur f'diversi partijiet f'gismu. Attard ipprezenta ukoll *case summary* tieghu li pero` baqa' ma giex debitament awtentikat izda fejn jissemmew il-griehi li garrab u li fortunatament issir riferenza ghalihom fil-**Full Road Traffic Accident Report**.

Illi jirrizulta li dan id-dokument gie kkonfermat bil-gurament minn **PS 845 Ian Vella** li kien l-ufficjal li acceda fuq il-post tal-incident u ha l-verzjonijiet rispettivi tas-sewwieqa involuti: *"Fl-incident tkellimt max-xufier tal-Iskoda….Tkellimt mal-vittma imbghad l-isptar …u dak li qalli rregistrajtu fl-okkorenza wkoll"*.[10] Ghalhekk dan ir-rapport ghandu jitiqes li gie debitament awtentikat u ghandu valur probatorju kbir in kwantu jikkorobora dak li xehed il-parte leza dwar il-griehi li garrab.

Issir riferenza għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ **'Il-Pulizija vs Generoso Sammut'** tat-2 t'Awissu, 1999, dwar l-offiża fuq il-persuna:

> *'Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. <u>Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqa' xu dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża</u>.'*[11]
>
> Għall-fatti ta' dan il-każ huwa relevanti l-artikolu 216(1)(a)(b) tal-Kap 9. B'mod partikolari is-subinċiż (b) –
> 'jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż'.
>
> Fil-fehma tal-Qorti l-ksur tal-imnieħer (ara ritratti) kif ukoll il-laċerazzjoni jistgħu faċilment jitqiesu kemm sfreġju kif ukoll mankament. Anzi, xkont ix-xhieda tat-tabib Martin Camilleri, il-laċerazzjoni setgħet tħalli traċċi permanenti. Id-difiża tinsisti li m'hemmx prova li l-isfreġju jew mankamant dam għal tletin ġurnata jew iżjed. Bir-rispett kollu, kif sewwa spjegat il-Qorti fil-każ **'Il-Pulizija versus Spagnol'**, dan it-tul ta' żmien mhux rikjest mil-liġi fis-subinċiżi li għalihom qed issir referenza. Din l-idea żbaljata qed tirriżulta minħabba li s-subparagrafu (d) jsemmi t-tul ta' żmien iżda dan is-

[9] Fol.18-19
[10] Fol.40
[11] Vol LXXXIII.1999.Pt.IV paġina 365

subpragrafu huwa indipendenti u għandu jitqies għalih u qatt ma jista' jew għandu jinqara bħala xi kwalifika għas-subparagrafi preċedenti.

Illi ma hemm ebda raguni ghaliex tali ragunament m'ghandux japplika wkoll meta l-offizi jkunu ta' natura nvolontarja.

Gja sar accenn ghall-fatt li l-prosekuzzjoni ghar-ragunijiet taghha ghazlet ma taghmilx il-prova li l-offiza li soffra Attard tinkwadra bhala offiza ai termini tal-artikolu 226(1)(a) tal-Kodici Kriminali li gie indikat fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mill-Avukat Generali. Irid ghalhekk jigi determinat jekk l-offiza sofferta minn Attard tinkwadrax taht xi disposizzjoni ohra tal-artikolu 226 tal-Kodici.

Filwaqt li kif intqal ma hemm xejn dubjuz fix-xhieda tal-parte civile, lanqas ma hemm dubbju li ksur jikkonfigura bhala offiza gravi ai termini tal-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali li ssir riferenza ghalih fl-artikolu 226(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Fil-**Full Road Traffic Accident Report** insibu li *"Il-pulizija gew infurmati illi xuffier tal-mutur ma kienx fil-periklu tal-mewt izda kellu griehi ta' natura gravi….6 ta' Frar, 2013 marru l-isptar Mater Dei gewwa Orthopedic Ward 3…"*.[12]

Ghalhekk issa jrid jigi accertat jekk l-offizi li garrab Attard sehhewx minhabba xi nuqqas, traskuragini jew non-osservanza ta' regolamenti da parte tal-imputat.

Illi **PS 845 Ian Vella** kkonferma l-**Full Road Traffic Accident Report**[13] kif ukoll l-**iskizz** maghmul minnu.[14] Is-surgent Vella jghid li l-pulizija wasslet fuq il-post madwar 10 minuti wara li sehh l-incident - *"Fit-8.20 gara l-incident u xi 8.30 wasalt fuq il-post"*[15].

Illi **Mario Attard**, spjega dak li ra ssehh quddiem ghajnejh. Ix-xhieda tieghu – li ma giet kkuntrarjata bl-ebda mod mill-akkuzat - hi t'importanza biex jigi stabbilit, jekk qatt kien hemm dubbju tenut kont tal-iskizz u l-informazzjoni li jikkontjeni, kif sehhet id-dinamika tas-sinistru.

[12] Fol.7.
[13] Fol.2 et seq.
[14] Fol.8
[15] Fol.42

Attard spjega li kien ghaddej fi Vjal il-Helsien, Haz-Zebbug, *"Jien kont niezel hal-Qormi…U f'salib it-toroq* ***harigli u baqa' hiereg…*** *Jien hbatt mieghu. ….[Pros: Min fejn hariglek?]…Dik Strada Santu Rokku ghandu jkun.* ***Jien kont fil-mainroad u hu hareg minn Strada Santu Rokku biex imur ghan-naha l-ohra.****"*[16] Attard b'onesta jghid li ta' spiss fil-kantuniera kien ikun hemm vetturi ipparkjati fuq il-*yellow line "Xorta jipparkjaw avolja hemm il-yellow line, u s-sinjur baqa' hiereg."*. Jghid li kien qed isuq bi 30[km/h].[17] Madankollu w unikament ghall-korettezza qed jigi sottolinejat ukoll li mill-*video* (u *stills*) esebiti mill-imputat, ma jirrizultaw ebda *yellow lines* fil-kantunieri![18]

Attard kompla jixhed li minn fejn hareg l-imputat kien hemm *stop sign* ***"Ifhem dan qabad u hareg*** *imma jien ma nistax nghid jekk hux addocc jew le. Ma kontx f'mohhu….* ***Hu ghalaqli t-triq u dhalt go fih jiena ghax hu baqa' hiereg u dhalt go fih ghax ghalaqli t-triq."***[19] Jigi mfakkar li *a tempo vergine* Attard ta l-istess verzjoni lis-surgent Vella *"Kont tiela minn triq Vjal il-Helsien direzzjoni ghal barra u* ***f'daqqa wahda harget vettura minn go side street*** *u jien bqajt diehel go fiha."*[20]

Illi huwa precizament mill-kontro-ezami tal-parte leza li johorgu elementi ta' kemm fil-fatt kien hemm dover li s-sewwieq li johrog minn Triq Santu Rokku, bhal ma ghamel l-imputat, kellu jezercita kawtela u prudenza:

> *"Avukat: …dak l-angolu hija black spot. Naqblu li hemm hekk isiru habtiet.*
>
> *Xhud: Iva.*
> *Avukat: Ara nghidx sew li meta jkun hemm karozzi pparkjati, fejn mhux suppost…ghax hemm il-yellow line, trid tohrog bil-fors biex tittawwal x'inhu gej …Prattikament trid tohrog kollok kemm inti biex tara x'inhu gej.*

---

[16] Fol.17
[17] Fol.20
[18] Fol.133-134 u kif jikkonferma l-imputat a fol.117. Indikazzjoni ohra li l-iskizz jirrifletti b'ezatezza il-locus tas-sinistru.
[19] Fol.24
[20] Fol.5

> *Xhud: Mhux bilfors triq tohrog kollok…**Trid tohrog xi ftit imma mhux kollok [!!!]".***[21]

Gja saret riferenza ghall-iskizz[22] li juri li l-vettura tal-imputat qatt ma kellha tasal sal-punt li wasslet fit-triq principali fejn **sporgiet ghan-nofs tat-triq** u ghalhekk **ma kien hemm ebda skuzanti ghall-imputat sabiex dan jibqa injar ghall-presenza fit-triq tal-parte leza li kien qed isuq fid-direzzjoni tieghu**.

Illi l-imputat **Marlon Camilleri** ghazel li jixhed. Spjega kif kien hiereg minn Triq Santu Rokku, jaqsam ghal Vjal il-Helsien u jkompli fuq triq Santu Rokku. *"Jien kont qieghed wieqaf fuq stop sign [ fi Triq Santu Rokku], bdejt hiereg bil-mod ghax kien hemm karozza…kien hemm karozza fil-kantuniera, ghandhi ritratt hawnhekk Diahatsu Serial, ipparkjata hazin fil-kantuniera…".*[23] Kagun ta' din il-vettura ma setghax jara sew l-*oncoming traffic* fi Vjal il-Helsien. Mhux kapaci jaghti hin meta ittiehed ir-ritratt li esebixxa fil-kors tax-xhieda tieghu: *"Ma nafx nghidlek, nofs siegha, ezatt wara? Ma nafx nghidlek ezatt kemm kien…Sakemm gew il-pulizija u hekk hadt ir-ritratt".* Jikkonferma li ma kien hemmx double lines –*"Marki mal-art xejn ma kien hemm"*[24] In kontro-ezami jiddikjara li ma kienx ghaddej bi speed anzi jghid *"Kemm kemm kont qed niccaqlaq…Jien kemm ezatt hrigt, fi xhin hrigt ezatt bhalma ghidtilkhom biex nittawwal minhabba l-karozza nara l-mutur diehel ezatt fuq quddiem tal-karozza, gol-mudguard tan-naha tieghi."*[25]

Bosta huma r-rizultanzi processwali li jikkontradixxu t-testimonjanza tal-imputat:

***(i)*** ma kienx veritjier li l-vettura qalghet id-daqqa hekk kif spunta l-barra mill-kantuniera, kif wara kollox jixhed l-iskizz li juri li kien qabez sew il-kantuniera ta' Santu Rokku meta sehh l-impatt u kif jixhdu l-hsarat li gew subiti fuq il-bieba tax-xufier (u mhux fuq it-tarf tal-bumper jew fuq il-fender, kif kien ikun il-kaz kieku kien verament minnu li l-akkuzat kien ghadu hiereg bil-mod minn mal-kantuniera meta saret il-habta!);[26]

---

[21] Fol.21-22
[22] Fol.8
[23] Fol.116; Ritratt a fol. 126 u still taghha a fol.133
[24] Fol.117
[25] Fol.120
[26] Vide fol.3.

*(ii)* lanqas ma jista jkun li kien qed isuq bi speed baxx ghal altrimenti kien ikun f'posizzjoni li jevita l-impatt – li sehh fi kliem Attard meta dan ***"Ifhem dan qabad u hareg*** *imma jien ma nistax nghid jekk hux addocc jew le. Ma kontx f'mohhu….**Hu ghalaqli t-triq u dhalt go fih jiena ghax hu baqa' hiereg u dhalt go fih ghax ghalaqli t-triq."**;*[27]

*(iii)* lanqas mhu minnu dak li jixhed l-imputat li ha l-filmat (u r-ritratt) sakemm wasslu l-pulizija fuq il-post precizament ghaliex fil-filmat li minnu tnizzlu l-istills, a fol. 134 u 137 jidher pulizjott fin-nofs tat-triq qrib il-vettura tieghu! L-istills nfushom jikkoroboraw bi shih l-iskizz li juri l-posizzjoni ferm avvanzata ghal go nofs it-triq li kien lahaq ittraversa l-imputat meta sehh is-sinistru. Kien ghalhekk li sab diffikulta` meta in kontro-ezami, rinfaccjat b'dan il-fatt, jammetti "kif hrigt litteralment dik il-metru, metru u nofs [*bejn triq Santu Rokku u Vjal il-Helsien*], gara l-accident" izda meta ftit sekondi qabel kien stqarr ***"Jien kemm ezatt hrigt, fi xhin hrigt ezatt bhalma ghidtilkhom biex nittawwal…."*;**

(iv) in kontro-ezami Camilleri jammetti li ghalkemm kien ha r-ritratt li seta' jiskolpah minn kwalunkwe tort ma qal xejn b'dan lill-pulizija. Aktar interressanti minn hekk hu l-fatt li <u>dan ir-ritratt ma juri l-ebda vettura pparkjata ezatt fil-kantuniera li ostakolatlu l-vizzwali,</u> kif jipprova jaghti x'jifhem, izda kienet ipparkjata aktar il-fuq mill-kantuniera;[28]

(v) Gja sar accenn ghall-<u>hsarat</u> li garrbet il-vettura tal-imputat li huma ndikativi tad-distanza li kien gja qasam l-imputat ghal fuq it-triq principali, Vjal il-Helsien. **Din hi prova cjara li l-imputat kien skorra l-kantuniera sew u ghaldaqstant kien posizzjonat tajjeb in kwantu kellu vizzwali adegwata biex seta' jilmah lill-parte leza**;

(vi) L-istills li nhargu mill-filmat esebit mill-imputat fil-fatt juru l-vettura tal-imputat wieqfa <u>f'nofs Vjal il-Helsien, bi Triq Santu</u>

---

[27] Fol.24
[28] Fol.133; Dok. MC a fol. 126

Rokku warajh – posizzjoni ferm aktar l-barra mill-kantuniera kif issostni l-imputat biex jipprova joffri spjegazzjoni ghall-fatt li ma setax jara lill-mutur riesaq! Ghalhekk il-verzjoni tal-imputat, li waqaf fuq *stop sign* u kien beda hiereg bil-mod il-mod minn Triq Rokku meta sehh l-impatt, hi kontradetta mill-posizzjoni tal-vettura tieghu, li tidher sew fil-karreggjata ta' triq principali, anke fl-iskizz maghmul mis-surgent Vella. Jigi sottolinejat li ma kien hemm ebda *brake marks;* indikazzjoni li l-imputat lanqas biss irrejagixxa ghall-fatt li kien hemm mutur qed jinstaq fid-direzzjoni tieghu;

(vii) Gja intqal li l-Qorti ma temminx li l-filmat esebit ittiehed *a tempo vergine*. Intwera li ghall-ewwel l-imputat jghid ma jiftakarx x'hin ittiehed izda fl-istess nifs jghid li ttiehed qabel ma wasslu l-pulizija. **Allura kif jidher pulizija fin-nofs tat-triq fl-istess filmat??;**

(viii) L-imputat issib diffikulta jispjega ghaliex lill-pulizija – li jrid jinghad wasslu 10 minuti biss wara li sehh l-incident[29] - ma semmielhom xejn dwar din il-vettura li taghha gibed filmat u li llum irid jitwemmen kienet il-kawza tal-incident? Fix-xhieda tieghu jattribwixxi dan in-nuqqas ghall-fatt li kellu xokk, izda madanakollu **jaghti spjegazzjoni xotta li tkompli tikkonferma il-mankanza tieghu li jzomm a proper lookout**. *"Jien kont hiereg minn Triq Santu Rokku lejn barra ta' triq Il-Helsien u* ***ma rajtux il-mutur gej*** *u il-mutur baqa diehel fil-karozza tieghu"*[30];

(ix) Illi l-aktar evidenza li tikkontadixxi l-verzjoni tal-imputat meta jipprova jaghti l-impressjoni li kien hemm vettura parkeggjata ezatt fil-kantuniera, hu l-iskizz innifsu. Dan l-iskizz juri sal-inqas dettal tal-post fejn sehh l-incident; juri *stop sign* fuq kull naha tal-pavimentar fil-kantuniera bejn Triq Santu Rokku w Vjal il-Helsien, juri anke arblu tad-dawl fuq il-bankina tax-xellug *"electric pole"* kif ukoll isemmi biss *"parking spaces"* fuq kull kantuniera ta salib it-toroq.

[29] *"Fit-8.20 gara l-incident u xi 8.30 wasalt fuq il-post"* - fol.42

[30] Fol.3

Il-Qorti temmen li kieku kien hemm xi vettura pparkjata ezatt fil-kantuniera kif allega l-imputat li kien qed jigbed il-filmat taghha, din kienet ser tigi ndikata lis-Surgent dak il-hin stess u is-Surgent, kif dahhal kull dettal iehor fl-iskizz tieghu, kien anke jiehu konsiderazzjoni tal-vettura u mhux ihalli spazju mmarkat *"parking spaces".* Dwar l-forza probatorja tal-iskizz intqal dan:

> F'dan il-kuntest dwar is-sinifikat u l-utilità tal-iskizz, din il-Qorti tirreferi u tirrijafferma dak li kienet osservat "per modum regulae" li:

> "L-iskizzi li jigu preparati mill-Pulizija tat-traffiku in segwitu ghal incidenti stradali simili, u li huma ferm utli ghall-awtorità gudizzjarja eventwalment investita bil-kaz, ghandhom ikunu limitati ghal dak li "actu" jista' jigi konstatat "de visu" meta l-Pulizija tmur fuq il-post tal-incident cjoè pozizzjoni tal-karrozzi, tracci ta' brakes u/jew ta' skidding, stat tat-triq, mizurazzjonijiet, okkorrendo, topografija tal-lokalità, indikazzjoni ta' xi gradjent fit-trieq, pozizzjoni tal-hsara tal-karrozzi, u affarijiet simili, immedjatament u attwalment konstatabbli; imma ma ghandhomx jikkomprendu r-rapprezentazzjoni grafika ta' rikostruzzjoni teorika tal-incident; ghax din l-ahhar tista' tippregudika l-"locus standi" guridiku tal-persuni nvoluti u tista' anki tinvadi l-isfera tal-awtorità gudizzjarja." **[Il-Pulizija v. Lawrence Callus**, Appelli Kriminali deciza 29 ta' Settembru 1962, per Imhallef W. Harding.]

[sottolinejar tal-Qorti][31],

(x) Illi fl-ahhar nett jibqa l-fatt msemmi aktar il-fuq li anke jekk verament kien hemm il-vettura li tidher fil-filmat migbud mill-imputat, fil-posizzjoni li tidher pparkeggjata fiha, **din ma kienet bl-ebda mod tohnoq il-vizzwali tal-imputat; ma kienitx ezatt fil-kantuniera tant li kif jixhed il-filmat stess u l-istills mnizzla minnu, l-imputat kien gja qabez sew il-kantuniera w halliha warajh meta sehh l-impatt.** Il-fatt li jammetti li qatt ma ra l-mutur gej hi prova cjara u lampanti li lanqas biss ittawwal madwaru biex jara kienx hemm *oncoming traffic*. Tibqa' tidwi x-xhieda tal-parte leza dwar dak li ra isehh quddiem ghajnejh, filwaqt li minnha jerga' jigi riaffermat il-posizzjoni avvanzata li lahaq wasal fiha l-imputat fuq it-triq principali: ***"Ifhem dan qabad u hareg ….. Hu ghalaqli t-triq u dhalt go fih jiena ghax hu baqa' hiereg u dhalt go fih ghax***

[31] **Horace Balzan Falzon Wintrup v. Joseph Attard**; Qorti tal-Appell. Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

***ghalaqli t-triq.*"[32] Ma kridx jintnesa li Attard kien qed isuq fid-direzzjoni ta' Hal-Qormi fil-karregjata principali!!

Maghdud dan kollu l-verzjoni tal-imputat hi wahda li hija msewsa b'kontradizzjonijiet u nieqsa mill-kredibilita` mistennija. Il-komportament tal-imputat fuq il-pedana tax-xhieda ma kkonvinca xejn lil din il-qorti. Bix-xhieda u bil-filmat esebit, id-difiza mhux talli naqset milli tilhaq il-grad ta' prova mistenni minnha, izda ssigillat il-kaz ghall-prosekuzzjoni. Ix-xhieda ta' Camilleri tikkontrasta bil-bosta max-xhieda rpusata w trankwilla tal-parte leza, li matula kien onest u sincier, u fejn ma ddejjaqx jikkonferma dettalji dwar kemm l-inkrocju kien maghruf bhala *black spot* kagun ta' pparkeggjar hazin, dettalji li setghu mmilitaw favur l-imputat. Pero` daqstant iehor Mario Attard zamm ferm dwar il-fatt maghruf minn kull sewwieq li sabiex tara hemmx *oncoming traffic* fit-triq li trid tittraversa, ma hemmx il-htiega li wiehed jibqa' hiereg it-tul kollu tal-vettura, kif ghamel l-imputat *"Mhux bilfors triq tohrog kollok…**Trid tohrog xi ftit imma mhux kollok [!!!]"….***[33]***….**hu baqa' hiereg u dhalt go fih ghax **ghalaqli t-triq**."*[34]

Illi minn dawn il-provi jirrizulta li l-imputat kien lahaq qabez il-kantuniera ta' Triq Santu Rokku, it-triq sekondarja, u kien wasal kwazi sa nofs it-triq ta' Vjal il-Helsien (fil-karregjata fid-direzzjoni ta' Hal-Qormi), it-triq principali, meta sehh l-impatt tant li spicca jaghlaq it-triq ghal Attard.[35]

Ghalhekk ser issir riferenza ghal dak li gie deciz mill-Qrati taghna rigward l-obbligi tal-hekk msejjah *side road user* bhal ma hu l-kaz tal-imputat:

Il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fl-ismijiet **Alvin Buttigieg vs Peter Paul Grech** ikkunsidrat:[36]

L-inċident stradali in kwistjoni seħħ f'salib it-toroq. Insibu fil-**Highway Code** f'dan ir-rigward illi:

---

[32] Fol.24
[33] Fol.21-22
[34] Ibid.
[35] Ibid
[36] Qorti tal-Magistrati (ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri, Avviz Numru. 25/2003; Deciza 3 ta' Novembru, 2006 per Onor. Magistrate Dr. Paul Coppini.

**"84. Use extra care at junctions or intersections. Look out for the relevant traffic signs, traffic lights or carriageway markings and abide by them. Stop at STOP signs ... Where there are no such signs exercise discretion and prudence.**

**85. Well before you turn at a junction take full account of the position and movement of following traffic . Signal your intention and, where safe to do so, take up the appropriate position . Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicle before you complete a rignt turn .**

**86. On turning at a junction look right, then left, then right again . Do not go on until you are sure that it is safe to do so ...**

**91. Unless otherwise indicated, traffic on the major road has right of way on traffic crossing, joining or leaving the major road .**

**92. At an intersection or junction of a major road and a minor road, traffic on the latter road should give way to traffic on or coming off the major road."**

M'hemmx dubbju illi fil-każ in eżami l-*major road* kienet Triq Borg Għarib minn fejn kien għaddej l-attur, u għalhekk skond dawn ir-regoli kellu d-dritt jippretendi illi t-traffiku li jkun ħiereġ mit-triq sekondarja għandu jċedilu. Ġie ribadit fid-dottrina illi : "*There is a well recognised rule that traffic entering or crossing a main road must give way to traffic proceeding along the main road from either direction … it is important that the rule should be observed and the right which it confers should not be allowed to be whittled away; drivers who have the rule in their favour are entitled that the rule will be observed by others.*" [**O.C. Mazengard: Negligence on the Highway (Butterworths Ed.1962 pg. 326 - 327)].** Hekk ukoll ingħad illi: "*When coming from a side road into a main road, the driver or rider on a vehicle should select such a moment as will allow him to enter the main road with safety*." **[Charlesworth: The Law of Negligence (2nd Ed. pg. 82**)].

Ġie enfasiżżat mill-qrati tagħna illi s-*side road user* għandu dritt li jaqsam għal ġo *main road* meta bid-debita prudenza, jkun aċċerta ruħu li din hi libera,[**Appell Kriminali : Pulizija vs Nazzareno Borg : 11.11.1960**.] u li dan irid jidħol ġo *main road* bla ma jieħu riskji li sewwieq prudenti ma jieħux [**Appell Kriminali : Pulizija vs Giuseppe Galdes; vol.XXXVII p. 1108**].

Illi l-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha **Horace Balzan Falzon Wintrup v. Joseph Attard** iddecidiet:[37]

Ir-rikorrent isostni li l-intimat baqa' hiereg mill-entratura laterali ta' l-istabbiliment ***Miracle Foods*** ghal gewwa t-triq principali minghajr id-debiti kawteli stradali u li din kienet il-kawza ta' l-incident. Ir-rikorrent sostna li hu baqa' fuq il-karreggjata tieghu izda mbaghad sab lill-vettura HAA391 ma' wiccu u b'hekk sar l-incident u sostna li ghalhekk dan huwa kaz ta' vettura li harget fuq triq principali minghajr ma ttiehdu
l-prekawzjonijiet necessarji…..

[37] **S.T.O. Prim Imhallef Vincent De Gaetano, Onor. Imhallef Joseph A. Filletti, u Onor. Imhallef Geoffrey Valenzia; Deciza** 30 ta' Lulju, 2010; Appell Civili Numru. 627/2006/1

"**D2.** ***Main road user u side road user***
"Is-sewwieq li johrog minn ***side road*** ghal triq principali ghandu jiehu hsieb li jcedi ghat-traffiku li jkun ghaddej mit-triq principali. Ara f'dan is-sens: **Stagno Navarra vs Saliba et**, Appell 27/11/61 – LV.i.389; Montebello vs Gatt, Appell 19/08/66 – L.i.296; **Pulizija vs Galdes**, Appell Kriminali 30/05/53 – XXXVII.iv.1108; **Pulizija vs George Buttigieg**, Appell Kriminali 30/03/63 – XLVII.iv.1198; **Pulizija vs Anthony Galea**, Appell Kriminali 30/05/53 – XXXVII.iv.1137.

"Minn dawn is-sentenzi johrog car l-obbligu ta' min johrog minn ***side road*** li jesplora tajjeb it-triq qabel ma johrog, li jwaqqaf biex jaccerta ruhu minn dan u li jzomm il-***proper lookout***. Min hiereg ghandu jieqaf ghal kollox sakem jaccerta ruhu li t-triq hija libera (ara **John Farrugia vs Edmond Camilleri**, Appell Civili Inferjuri 09/05/07; u **Pulizija vs John Gregory**, Appell Kriminali 28/09/63)……

"**D3.** ***Proper lookout***
"Ir-rikorrent isostni li l-intimat naqas li jzomm il-***proper lookout……***

In-nozzjoni tal-***proper lookout*** tirrizulta cara mill-kawzi **Dr. Zammit Pace noe vs Catania**, 26/11/87 – LXXI.iii.722; **Bonello vs Fsadni**, Appell Civili 11/03/98; u **Fenech vs Bajada**, 13/01/88. L-istess kuncett tal-***proper lookout*** jinsab imsahhah ukoll mill-gurisprudenza anke f'sede penali (ara **Pulizija vs Jason Delia**, Appell Kriminali 19/09/06). Il-kuncett tal-***proper lookout*** jinkludi "*awareness of what is happening in one's immediate vicinity … have a view of the whole road … the pavements on the side of the road as well*" (filkawza tal-Qorti Ingliza **Newhaus N. D. vs Bastion Insurance Co Ltd** [1968])

……..
**14.** Il-gurisprudenza taghna ttrattat bl-aktar mod dettaljat x'ghandha tkun il-procedura li trid tigi segwita minn utent ta' triq sekondarja waqt li jkun hiereg fi triq principali. Per ezempju, fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet **Mario Spiteri v. Charles Vella [Prim Awla tal-Qorti Civili deciza 2 ta' Dicembru 2002, per Imhallef Philip Sciberras]**, il-Prim Awla tal-Qorti Civili osservat li:

"*Il-principju regolatur f'kazijiet konsimili huwa ormaj ben saldat fil-gurisprudenza li ssostni li min ikun hiereg minn triq sekondarja ghal triq principali ghandu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza. Jehtieglu jesplora sewwa t-triq principali, aktar u aktar fejn il-vizwali tieghu tkun ostakolata minn vetturi pparkajati, kif hekk kien il-kaz f'din il-kawza; Il-kazistika inoltre tikkawtela li hu ghandu johrog "inching out" u jassigura li t-triq hi libera.*"

F'**John u Tessie konjugi Soler v. Claire Gove` u Fogg Insurance Agencies [Prim Awla tal-Qorti Civili deciza fl-14 ta' Ottubru 2003, per Imhallef Noel Cuschieri]**, l-Qorti qalet li l-principju legali bazilari li ghandu jirregola s-sitwazzjoni in disamina huwa assodat fil-gurisprudenza:

"*… fis-sens li s-sewwieq gej minn triq sekondarja u li ser jidhol go triq principali, qabel ma jghamel il-manuvra tieghu ta' inserzjoni, ghandu jesplora tajjeb u b' mod diligenti it-triq principali u ghandu jinserixxi ruhu fiha unikament meta jkun cert li jista' jghamel din il-manuvra minghajr riskju u perikolu. Ghandu jaccerta ruhu li jibda, jkompli u jittermina din il-manuvra minghajr perikolu u xkiel ghat-traffiku li jista' jkun ghaddej mit-triq principali kemm fuq il-first lane kif ukoll fuq is-second lane [Prim Awla (NC)* ***Manuel Caruana et vs Dottor Tonio Mallia*** *et noe deciza 21 ta' Marzu 2002.]. Aktar ma tkun popolari u traffikuza din it-triq akbar ikun l-oneru u l-grad ta' attenzjoni li ghandu jezercita s-sewwieq awtur tal-manuvra. Is-sewwieq tas-side road "ghandu d-dritt li jaqsam il-main road meta bid-debita prudenza jkun accerta ruhu li din hi libera" [App.Krim.* ***Il-Pulizija vs Nazzareno Borg*** *- 12 ta' Novembru 1960.]. Huwa ghandu "l-obbligu assolut li, x' hin japprossima l-crocevia, jesploraha bl-akbar attenzjoni qabel ma jiddeciedi li jittraversaha" [Ibid.]. "Ghandu jidhol fil-main road meta din tkun talment libera li*

*jista' jghaddi ghal go fiha bla ma jiehu riskju li driver prudenti m' ghandux jiehu" [.App.Krim.* ***Il-Pulizija v. Giuseppe Galdes*** *– Vol.XXXVII.IV.1108]. Is-side road user li jrid jidhol fil-main road ghandu qabel ma jidhol fiha jimxi dead slow li sahansitra jieqaf sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara.[ Vol.LXXXII.II.473]*

*"Principju legali relatat, anzi inerenti ghall-premess, hu dak li jimponi fuq kull sewwieq l-obbligu li fis-sewqan tieghu jzomm a proper look out. Dan l-obbligu huwa korollari ghal-princiju li sewwieq ghandu l-oneru li fis-sewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn bonus paterfamilias u li hija ragjonevoli tenut kont tac-cirkotanzi: bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwezna tat-traffiku fit-triq principali, id-dawl, il-vizwali u cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi mis-sewwieq li jrid jinserixxi ruhu go main road. "Side road user [ghandu] 'a higher duty' li jespolra l-main road, u jesploraha tajjeb f' sens li jara dak li kien vizibbli"*

*"Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u fil-gurisprudenza estera u lokali, in materja ta' incident ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta' vetturi, jigifieri: (a) hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola ssewqan skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi bhala ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vettura, l-istat tal-art u cirkostanzi ohra kontingenti, u (b) hu d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah a reasonable look out, liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli…." Reasonable look out ifisser id-dmir li ssewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar in plain view. "The duty to look implies the duty to see what is in plain view". Konformament mal-premess u b'applikazzjoni tal-premess ghandu relevazna qawwija ghal kaz in disamina, dak li osservat l-Onr.Qorti tal-Appell Kriminali li jekk sewwieq isostni li ma rax il-vettura l-ohra gejja, "din hi auto inkolpazzjoni, ghaliex jekk seta' (kif ic-cirkostanzi stradali juru li seta') u kien imissu rah, u ma rahx, sinjal li ma kienx qieghed attent kif kellu jkun jekk ried izomm a proper look out"..."* [sottolinejar tal-Qorti]

Gie deciz ukoll mill-Qorti tal-Appell li:[38]

Minn naha l-ohra hu taghlim daqstant iehor importanti illi "min ikun hiereg minn *side street* ghal *main road* ghandu lobbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-*main road* u li jieqaf ghal kollox jew johrog '*inching out*' u jassigura li t-triq hi libera. Is-*side road user* ghandu juza grad ta' diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir li jcedi lit-traffiku li jkun fit-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha" – "**Mark Sammut -vs- Maryse Germaine de la Fargue**", Appell Civili, 2 ta' April 1976, u l-bosta sentenzi kompendjati fiha;

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mariella Attard** intqal ukoll:[39]

Illi kif gie gustament ritenut f'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza moghtija fil-21 ta' Mejju 1960 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Anthony Spiteri**:

"Driver ta' karozza ghandu inegabbilment, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a proper lookout ghall-vejikoli, pedestrians, u road-users ohra; l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni

[38] Per Onor. Imhallef Philip Sciberras, fl-ismijiet **Dr. Francis Portanier vs Carmelo Mallia**; Deciza 20 ta' April, 2005; Appell Civili Numru. 797/2003/1

[39] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Ktriminali, per Onor. Magistrat Edwina Grima; DEciza 13 ta' Marzu, 2013

tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu." Il-Qorti osservat "ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' split second u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u inaspettati. (sottolinjar ta-Qorti). Dan hu certament sewqan negligenti; u ma jistax biex jeskludieh il-fatt illi it-triq kienet wiesgha u illi traffiku iehor ma kienx hemm fit-triq, u cirkostanzi ohra tal-mument. …. ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali."

Jibqa ghalhekk biex jigi kkonstat jekk is-sewqan tal-imputat jistax jitqies bhala wiehed perikoluz, traskurat u/jew bla kont.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**, il-Qorti tal-Appell Kriminali enuncjat it-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta'sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:[40]

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*

*Sewqan bla kont [reckless driving] hu deskritt fis-subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandhux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

*Sewqan perikoluz [dangerous driving] jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide **Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain**, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Mejju, 1950) …….*[sottolinejar tal-Qorti]

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Clive Vella**[41] saret referenza ghal sentenza ohra moghtija mill--Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Frar, 2003, fis-sentenza fl-ismjiet: **Il-Pulizija vs Francis William Peter George Zarb Adami**:

'F'kazijiet ta' incidenti stradali, hemm certa presumptions of fact li johorgu mill-assjem tar-rizultanzi ta' dak l-incident, li fil-gurisprudenza antika kienu jissejhu 'res ipsa loquitur u li llum ikun korrett li jissejhu

[40] Deciza 06.05.1997 per Onor. Imhallef Dr. Vincent DeGaetano.
[41] Qorti ta' l-Appell Kriminali Deciza 14.01.2013

circumstantial evidence u li jistghu jimmiltaw biex min irid jiggudika jasal ghal certi konkluzjonijiet dwar ir-responsabilita' o meno tal-akkuzat.'[42]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Robert Brincat** ezaminat l-obbligi tas-sewwieq kif ukoll dawk tal-pedestrian:[43]

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' *"Degree"*. (App.Krim. **Pul. vs. Charles Bartolo** 14.3.59 **; Pul. vs. Wilson,** Vol. XXXIX p. 1018 **u Pul. vs. Alfred Vella,** Vol. XLIV ; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. **Pul. vs. Hardingham** , 19.10.1963) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' *recklessness*" (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia** XXXIX p. 1018.) "*Recklessness*" giet defenita bhala *"wilfully shutting one's eye* ".(App. Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina** , 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. vs. Antonio Spiteri** , Vol. XLIV , p.892)

Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali : **"The Police vs. Gunner Brian Wilson**" [7.5.1955] li :- *"It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving."* (ara ukoll f' dan is-sens : App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Manwel Mallia"** [9.3.1959] u "**Il-Pulizija vs. Charles Bartolo** " [14.3.1959] (Kollez. Vol. XLIII p. 1001 u p. 1016 , rispettivament)

Umbaghad fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes"** ( [3.5.1953] Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108) gie ritenut li ;- *"sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari ."*

*"Biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz jehtieg mod ta' sewqan li juri certu grad ta' recklessness u nonkuranza tali li jigi krejat perikolu u mhux bizzejjed li fil-kaz partikolari kien hemm potenzjalita' ta' perikolu."* (ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Charles Farrugia"** [5.3.1955] Vol.XXXIX, iv. p.978)

Insomma kif gie ritenut fl-appelli kriminali ta' **Mallia** u **Bartolo** fuq citati "*kriterju facli bejn sewqan negligenti w sewqan perikoluz ma hux facli li jigi stabilit, kif lanqas wiehed ma jista' jaghti definizzjoni preciza ta' sewqan perikoluz. Il-kwistjoni hija kollha wahda ta' "degree" u kull kaz ghandu l-fattispecji tieghu."*

Fid-dawl tal-gurisprudenza enuncjata u maghduda r-rizultanzi processwali mhemmx dubbju li l-imputat mhux biss ma aderixx ma dak li jipprovdi l-Highway Code izda anke naqas serjament milli jzomm *'a*

---

[42] Qorti tal-Appell Kriminali, Deciza 7.02.2003

[43] Dec 22.11.2007 per Onor Imhallef Dr. Joseph Galea Debono. Vide ukoll mill-istess Qorti per Onor. Imhallef Dr. David Scicluna **Il-Pulizija vs Mario Angelo Ernest Vincent Zammit**, Deciza 30.09.2009

*proper lookout'* u ghalhekk is-sewqan tieghu ghandu jitqies bhala wiehed traskurat (negligent driving) u b'nuqqas ta' kont. Ghalkemm ma giex pruvat sal-grad rikjest li dak is-sewqan kien ukoll jikkostitwixxi sewqan perikoluz kif addebitat lilu bit-tielet akkuza, sewqan traskurat u b'nuqqas ta' kont hu kompriz u nvolut f'sewqan perikoluz.

Illi fir-rigward tal-akkuzi addebitati lill-akkuzat japplika l-principju ta' konkors formali ta' reati, bil-piena l-aktar severa tkun dik ravvizata bl-artikoli 226(1)(b) tal-Kodici Kriminali.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat in-natura tal-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat, tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz li l-kaz jirrisali ghal 2013.

Ghal dawn il-mottivi filwaqt li tiddikjara r-raba imputazzjoni bhala preskritta, wara li rat l-artikoli 17, 31, 226(1)(b) u 328(c) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar it-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib l-imputat hati tal-akkuzi l-ohra kollha, u tikkundannah *multa* ta' €1,000 li ghandha tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Finalment b'applikazzjoni ta' l-artikolu 15(2) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghal tlett xhur. Is-sospensjoni mis-sewqan tibda ghaddejja minn nofs il-lejl u minuta ta' llum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Magistrat**